**Ħassejtni**

Intbaħt minn dak li kont għaddej minnu
Ħfief kienu subgħajk biex jibgħatuli,
Messaġġ ta' tama u mimli ħlewwa
Hena u ferħ dawk kliemek ġabhuli.

Waqgħu l-ħitan imqaddsa u mbiegħda
Minn kull nitfa ta' x'jagħmel il-qaddis,
Minflok ħarget mirżuħa dik qalbek
Li sabitni f'għalqa mbikkem f'tant dris.

Imma hemm insteġħmet l-għajta mqanqla
Ħierga minn qalb li ma tafx għajr tgħanniq,
Li minn ġo darha tokrob w tinfena
Togħla w tinżel fl-għoljiet tat-tbaqbiq.

Lilek ingħatat li tkun għalija
Gabrieli b'qalbek wisq imħeġġa,
Il-ħerqa tiegħek wasslitli l-hena
Għax ġejja minn qalb tassew imġedda.

Tgħid qawwija kienet it-tħeġġiġa?
Għalhekk ma ħallietekx tkun fil-muta?
Qatt ma stajt timbarra dak bieb qalbek
Kif stajt bid-daqqa li ġejt milquta?

Ħienja dik id-daqqa li sammritek
U mlietlek qalbek mill-ġdid b'tant ħlewwa,
Intreħejt fl-aħħar fis-Saltna ħienja
Sirt appostlu ghall-'msejken fid-dnewwa.

Dak li inti, ħabbara tat-tama
Kif rajt madwari l-kelma "insejtni",
Ġejt int fis-skiet u bil-qalb weġibtni
Dlonk urejtni wiċċek kif ħassejtni.

Patri Mario Attard OFM Cap
11 ta' Novembru 2024

Ibierkek Alla li jista kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen